MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-23 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 72/2014

**Larry Muscat**

**Vs**

**Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Larry Muscat**ipprezentat fil-5 ta' Settembru 2014 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi b'ittra datata 24 ta' Lulju 2014 (annessa u mmarkata bhala DOK LM1), l-esponenti gie mgharraf mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta illi l-applikazzjoni tieghu sabiex igedded il-permess ta' xufier ai termini tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur kienet ser tigi rrifjutata ghaliex "inghatajt sentenza matul l-ahhar hames snin u cioe fis-27 ta' April 2011 ghax ikkommettejt reat li jgorr mieghu piena ta' zmien prigunerija ta' tliet xhur"*

*Illi ai termini tal-procedura l-esponenti nghata ghaxart (10) ijiem sabiex jipprezenta r-raprezzentazzjonijiet tieghu bil-miktub fejn jindika ghaliex l-applikazzjoni tieghu mghandiex tigi rifjutata;*

*Illi permezz ta' ittra datata 7 ta' Awwissu 2014 l-esponenti tramite l-konsulent legali tieghu baghat ittra (annessa u mmarkata bhala DOK LM2) lill- Awtorita` ghat-Trasport f'Malta fejn sahaq illi mhux minnu illi kien instab hati ta' reat li jgorr pina ta' prigunerija ta' tliet xhur u ezebixxa kopja tal-kondotta nadifa tieghu mahruga fis-6 ta' Awwissu 2014 (annessa u mmarkata bhala DOK LM3)*

*Illi permezz ta' ittra datata 7 ta' Awwissu 2014 (annessa u mmarkata bhala DOK LM4), l-esponenti gie mgharraf mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta illi l-applikazzjoni tieghu sabiex igedded il-permess ta' xufier ai termini tar-Regolamenti dwar il-vetturi bil-Mutur kienet giet irrifjutata peress illi "inghatajt sentenza matul l-ahhar hames snin u cioe fis-27 ta' April 2011 ghax ikkommettejt reat li jgorr mieghu piena ta' zmien prigunerija ta' tliet xhur"*

*Illi l-esponent qatt ma nstabx hati kif qed jigi allegat mill-Awtorita u dana kif jirrizulta miz-zewg sentenzi annessi (annessi u mmarkati bhala DOK LM5 u DOK LM6) tas-27 ta' April 2011 tal-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D.*

*Illi fiz-zewg kawzi fuq imemmija jirrizulta car illi ma nstabitx htija u saret biss obligazzjoni in atti kif jizzulta mill-fedina penali mahruga fl-4 ta' Settembru 2014 (annessa u mmarkata bhala DOK LM7) u li l-proceduri gew ezawriti.*

*Illi ghalhekk l-esponenti huwa persuna ta' kondotta tajba u jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha sabiex l-applikazzjoni ghat-tigdid tal-permess ta' xuffier taht il-Legislazzjoni Sussisjarja 65.11 tigi accettata.*

*Illi ma hemm ebda raguni valida fil-ligi ghad-decizjoni tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta li tirrifjuta t-tigdid tal-permess ta' xuffier fil-konfront tal-esponenti.*

*Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet u ghal dawk ir-ragunijiet kollha li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponent jitlob bir-rispett lil dan it-Tribunal joghgbu jirrevoka id-decizjoni tal- Awtorita` ghat-Trasport f'Malta komunikata lir-rikorrent mill-istess Awtorita` permezz tal-ittra tas-7 t'Awwissu 2014, billi jhassar din id-decizjoni u jiddikjara illi l-esponenti huwa persuna ta' kondotta tajba u jissoddisfa l-kundizzjonijiet sabiex il-permess ta' xufier ai termini tar-Regolamenti dwar il-vetturi bil-Mutur tigi mgedda u konsegwentement torda l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta sabiex iggedded il-permess ta' xuffier tal-esponenti minnufih."*

Ra r-risposta ta' l-**<u>Awtorita Ghat-Trasport f'Malta</u>** ipprezentata fis-26 ta' Settembru 2014 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-deċiżjoni ta' l-Awtorita' intimata hija ġusta, legali u għandha tiġi kkonfermata u konsegwentement l-appell interpost għandu jiġi miċħud bl-ispejjez.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kif qal ir-rikorrenti stess fir-rikors t'appell tiegħu, huwa reċentement applika ma l-Awtorita` intimata sabiex il-permess tiegħu bħala xufier ai termini tar-regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur jiġi mġedded. Tali proċess ta' tiġdid jesiġi li r-regolamenti li qegħdin fis-seħħ meta ssir tali applikazzjoni għat-tiġdid, f'dan il-kaz il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.11, jiġu applikati mill-Awtorita` intimata fil-konfronti tal-applikant rikorrenti, kif fil-fatt jiġu applikati għal kull applikant iehor.*

4. *Illi r-regolament speċifiku li ġie applikat fil-konfront tar-rikorrenti ossia r-regolament 130A(4)(a) carament jistipola illi:*

*'Sakemm ma jigux ordnati kondizzjonijiet li jinvolvu obbligi aktar oneruzi permezz ta' regolamenti ohra, ghall-fini ta' dan ir-regolament, persuna ma tkunx meqjusa li hi ta' kondotta tajba jekk:*

*(a) Tkun instabet hatja, matul l-ahhar hames snin, ta' reat li* ***tista' tehel piena dwaru*** *ta' zmien ta' prigunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87)… (enfasi mizjuda)*

*liema htija tar-rikorrent giet fil-fatt misjuba fis-27 ta' April tas-sena 2011 ghar-reat ikkontemplat that Artikolu 251B(1) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u li tieghu*

*'…**tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet xhur sa sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu** (4,658.75) u mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u*

> *sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.' (enfasi mizjuda)"*

Sema' lir-rikorrent jikkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors promutur;[1]

Sema' lil Sylvana Bartolo in rapprezentaza tal-Awtorita` intimata;[2]

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw ir-rikors;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 7 ta' Awissu 2014 u esebita bhala Dok LM1 a fol. 3 tal-process permezz ta' liema gie infumat li l-applikazzjoni tieghu sabiex igedded il-permess ta' xufier (tag) kienet qed tigi rifjutata peress li inghata sentenza matul l-ahhar hames snin u cioe fis-27 ta' April 2011 ghal reat li jgorr mieghu piena ta' zmien prigunerija ta' tliet xhur.

Illi Sylvana Bartolo, senior manager fi hdan l-Awtorita` intimata, xehdet illi meta tidhol applikazzjoni bhal dik in ezami, l-Awtorita` tibghat ghall-fedina penali tal-applikant u f'dan il-kaz, mill-istess fedina, irrizulta li r-rikorrent ma setghax jinghata l-*light passenger transport services tag* u dan peress li kien

[1] A fol. 30
[2] A fol. 32 sa 35

wettaq reat matul il-hames snin ta' qabel li dwaru wiehed jista' jehel piena ta' iktar minn tlett xhur prigunerija jew multa ta' mill-inqas ta' erba' mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu. Skond l-istess xhud dan kollu johrog mir-Regolament 130A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11. Illi x-xhud stqarret illi r-rikorrent kien instab hati ta' reat li jgorr mieghu piena ta' aktar minn tlett xhur habs permezz ta' sentenza tas-27 ta' April 2011.

Illi t-Tribunal jirrileva illi ai termini tar-Regolament 130A (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 (Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur) biex persuna tkun tista' ssuq vettura bil-mutur ghall-kiri jinhtieg li jkollha *tag* ta' identifikazzjoni. Din it-*tag* tigi mahruga mill-Awtortia` intimata jekk il-persuna koncernata:

*"(a) ikollu l-licenzja tas-sewqan adatta,*

*(b) fil-fehma tal-Awtorità jkollu kondotta tajba,*

*(c) jattendi b'mod regolari kors ta' taghlim approvat mill-Awtorità u jghaddi mill-ezami fi tmiem l-imsemmi kors."* [3]

Illi mid-decizjoni appellata jirrizulta illi l-Awtorita` intimata irrifjutat l-applikazzjoni ghat-tigdid tal-permess ta' xufier abbazi tal-fatt illi fil-fehma taghha r-rikorrent ma kienx ta' kondotta tajba u dan abbazi tar- Regolament 130 A (4) li jghid illi *"persuna ma tkunx meqjusa li hi ta' kondotta*

*tajba jekk:*

*(a) tkun instabet hatja, matul l-ahhar hames snin, ta' reat li tista' tehel piena dwaru ta' zmien ta' prigunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija*

*u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87),…"*

Illi miz-zewg tahrikiet ta' kawza tal-Pulizija ipprezentati mir-rikorrent[4] jirrizulta illi r-rikorrenti gie akkuzat bis-segwenti u cioe:-

[3] Regolament 130A (3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11

*"Billi inti akkuzat talli fl-20/02/2011 ghall-habta ta' 9.00pm permezz ta' telefonati gibt ruhek b'mod li tajt fastidju lil martek Claudia Bugeja b'mod li kont taf jew li missek kont taf li dan ikun ta' fastidju ghaliha.*

*Fl-istess cirkostanzi bl-imgieba tieghek ikkagunajt lil persuna msemmija hawn fuq bizgha li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha.*

*Fl-istess cirkostanzi offendejt bil-kliem lil martek Claudia Bugeja."*

*"Billi inti akkuzat talli nhar it-23/12/2010 bejn l-10.00pm u l-11.00pm uzajt xi network jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet elettronici (Mobile Nru 79236990) fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li gie mahrug ghall-uzu kif imiss tan-network jew inkella tuzah b'mod mhux kif imiss billi uzajt l-imsemmi mobile biex ghidt kliem oxxen ghal fuq mobile Nru 79932890 liema kliem kien ta' theddid "Issa tkun taf x'gej ghalik, nirrangak jien, foxx demmek il-marid li ghandek, Liba" lil martek Claudia Bugeja.*

*Fl-istess cirkostanzi hloqt bizgha li ser tintuza vjolenza fuq il-persuna msemmija hawn fuq jew kontra l-proprjeta' taghha."*

Illi mill-komparixxi esebiti jirrizulta illi fis-27 ta' April 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) li kienet qed tisma' l-istess kawzi iddikjarat **procediment ezawrit** fiz-zewg kawzi.

Illi mbaghad mill-fedina penali esebita mir-rikorrenti,[5] jirrizulta illi gew imnizzlin l-akkuzi u fl-ahhar kolonna giet imnizzla l-kelma "obligazzjoni". Illi pero jirrizulta mill-komparixxi li jekk semmai kien hemm obbligazzjoni din kienet in atti u mhux taht l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali. U dan ghaliex li kieku kienet ai termini tal-artikolu 383 imsemmi il-Qorti ma kinitx se tiddikjara "procediment ezawrit" imma kienet issib htija fir-rikorrent.

---

[4] Dok LM5 u LM 6 a fol. 7 u 8
[5] Dok LM7 a fol. 9

Illi l-Awtorita` intimata qieghdha tishaq illi ladarba fil-fedina penali hemm imnizzel "obbligazzjoni" din ghandha titqies bhala htija u siccome r-reati addebitati lir-rikorrenti igorru maghhom piena ta' prigunerija ta' tlett xhur jew iktar allura l-istess Awtorita` kellha ragun ma ggeddidx il-licenzja ta' xufier.

Illi dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' dan r-ragjonament. Mill-komparixxi esebiti jirrizulta car illi l-Qorti tal-Magistrati li hadet konjizzjoni taz-zewg kawzi kriminali ma ppronunzjat l-ebda sentenza ta' htija fil-konfront tar-rikorrent. Iddikjarat biss li kien hemm **procediment ezawrit**. Illi dan it-Tribunal min-naha l-ohra lanqas jaghti tort sa barra lill-Awtorita` intimata ghaliex hi mxiet skond il-fedina penali li harget mill-Kummissarju tal-Pulizija, liema fedina penali certament ma tirriflettix dak li gara fiz-zewg kawzi kriminali u dan ghaliex il-fatt li r-rikorrent seta' ghamel obbligazzjoni *in atti* certament ma jammontax ghal xi piena li kellha titnizzel fil-fedina penali.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrent huwa gustifikat fil-lanjanzi tieghu u konsegwentement qieghed jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorita` intimata tas-7 ta' Awissu 2014. Pero it-Tribunal jirrileva illi ma huwiex kompetenti li jiehu konjizzjoni tat-tieni parti tat-talba tar-rikorrenti u cioe illi r-rikorrent huwa persuna ta' kondotta tajba u li jissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex il-permess ta' xufier u lanqas jista' dan it-Tribunal jordna lill-Awtorita` intimata iggedded il-permess *de quo*. Dan it-Tribunal huwa wiehed ta' revizjoni u ghalhekk jista' biss jirrevoka u jannulla decizjoni tal-amministrazzjoni pubblika u mhux jissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha. Ghaldaqstant l-ezercizzju mitlub mir-rikorrent trid terga' taghmlu l-Awtorita` intimata fid-dawl ta' dak li gie sottomess minn dan it-Tribunal aktar 'il fuq.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija qieghed jilqa' l-appell tar-rikorrent fit-termini hawn fuq enuncjati,  u kwindi jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorita` intimata mahruga fil-konfront tieghu datata 7 ta' Awissu 2014 u esebita bhala Dok LM1 a fol. 3 tal-process.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------